# Malta International Contemporary Art Space (MICAS)

*Numru ta’ Referenza.: MICAS/EOI/2/2024*

## Espressjoni ta’ Interess għal Artiġjani biex ibigħu l-prodotti tagħhom fil-ħanut tal-MICAS

Id-Data ta’ Pubblikazzjoni: Id-29 ta’ Marzu 2024

Id-Data ta’ Skadenza għal Sottomissjoni: Id-29 ta’ April 2024 fl-10:00 am CET/CEST
Il-Ftuħ tal-Espressjoni ta’ Interess: Id-29 ta’ April 2024 fl-10:30 am CET/CEST

# 1 Introduzzjoni

Il-MICAS javża li qed jirċievi espressjonijiet ta' interess mingħand artiġjani biex ibigħu l-prodotti tagħhom fil-ħanut tal-MICAS.

**Mill-1 ta' Settembru 2024 – Il-31 ta' Awwissu 2026**

Il-MICAS, kordjalment jistieden lill-artiġjani biex iressqu l-proposti tagħhom u jirreġistraw l-interess tagħhom biex joħolqu u jbigħu l-prodotti artistiċi tagħhom fil-ħanut tal-MICAS skont din l-Espressjoni ta' Interess.

# 2 Struzzjonijiet lill-Artiġjani Prospettivi

## 2.1 Struzzjonijiet Ġenerali

1. Permezz tat-tressiq tal-offerta, l-artiġjani prospettivi jaċċettaw b'mod sħiħ u intier, il-kontenut ta' din l-Espressjoni ta' Interess, fosthom kwalunkwe kjarifika sussegwenti maħruġa mill-MICAS, irrispettivament minn kwalunkwe kundizzjoni li l-artiġjani msemmija jistgħu jinkludu fis-sottomissjoni tagħhom.

2. L-artiġjani prospettivi huma mistennija jeżaminaw bir-reqqa u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet, ir-rekwiżiti u t-termini u kundizzjonijiet kollha ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

3. L-artiġjani prospettivi għandhom jimlew, japprovaw, u jissottomettu b'mod xieraq il-Formola ta' Applikazzjoni misjuba f'Anness Numru 2 ta' din l-Espressjoni ta' Interess flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa li ssostni l-applikazzjoni tagħhom. Jekk l-applikanti ma jissottomettux l-offerta tagħhom bl-informazzjoni u dokumentazzjoni meħtieġa sad-data ta' skadenza speċifikata hawnhekk, l-offerta tagħhom tista' ma tintlaqax. Offerti li jinkludu informazzjoni inkorretta u/jew mingħajr id-dokumentazzjoni li ssostni l-offerta titqies awtomatikament invalida u ma tiġix ikkunsidrata aktar.

4. L-artiġjani prospettivi għandhom jiżguraw li d-dettalji ta' kuntatt mogħtija fil-Formola ta' Applikazzjoni jappartjenu lill-persuna li jekk l-applikazzjoni tagħha tintlaqa', tista' tidħol fi ftehim mal-MICAS li tippermettilha tbigħ il-prodott tagħha fil-ħanut tal-MICAS.

5. Fit-tressiq tal-applikazzjoni, l-artiġjani prospettivi jintrabtu li l-offerta tagħhom tibqa' valida għal perjodu ta' disgħin (90) jum mid-data ta' skadenza indikata f'Sezzjoni 2.2 hawn isfel.

6. L-applikanti għandhom jissottomettu d-dokumenti relevanti permezz ta' fajl PDF permezz ta' email jew trasferiment permezz ta' ħolqa (eż., wetransfer.com).

Ħoloq għal sistemi ta' cloud storage bħal Google Drive jew One Drive ma jiġux ikkunsidrati u jiġu skwalifikati immedjatament.

7. Il-kuntratt għandu jiġi ffirmat mill-applikant(i) li ntlaqgħet l-offera tiegħu/tagħhom u r-responsabbiltà unika tal-kuntratt tkun tal-applikant(i) msemmi(ja).

## 2.2 L-Iskeda ta’ Żmien

| | |
|---|---|
| Data tal-ftuħ tal-Espressjoni ta’ Interess | Id-29 ta’ Marzu 2024 |
| Talbiet ta’ kjarifikazzjoni mibgħuta permezz ta’ email fuq l-indirizz people@micas.art jistgħu jintbagħtu sa mhux aktar tard mid-data mniżżla hawnhekk | Il-15 ta’ April 2024 |
| L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta’ email fuq l-indirizz people@micas.art sa mhux aktar tard mid-data mniżżla hanwhekk | Id-29 ta’ April 2024 fl-10:00 am CET/CEST |
| Ftuħ tal-offerti | Id-29 ta’ April 2024 fl-10:30 am CET/CEST |
| Stadju tal-Għoti<br>L-offerent(i) rebbieħ(a) jiġi/u avżat(i) sa tmiem il-jum tad-data mniżżla hawnhekk: | It-30 ta’ Mejju 2024 |

Kwalunkwe talba ta’ kjarifikazzjoni u/jew applikazzjoni mimlija għandhom jintbagħtu permezz ta’ email fuq l-indirizz people@micas.art intitolata:

Numru tar-Referenza.: MICAS/EOI/2/2024 Espressjoni ta’ Interess għal Artiġjani biex ibigħu l-prodotti tagħhom fil-ħanut tal-MICAS

L-iskeda ta’ ftuħ għandha titwaħħal mal-avviżiera tal-MICAS skont l-ordni ta’ kif waslu l-applikazzjonijiet. Fl-iskeda ta’ ftuħ se jitniżżlu biss l-ismijiet tal-artiġjani li ressqu offerta taħt din l-Espressjoni ta’ Interess. Il-prezzijiet mhux se jitniżżlu fuq din l-iskeda.

Applikazzjonijiet mhux kompluti u/jew li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

## 2.3 Rekwiżiti

1. L-applikanti eleġibbli biss għal provvediment ta’ żona żgħira fil-ħanut tal-MICAS.

2. Kull applikant jista’ japplika darba biss biex ibigħ il-prodotti tiegħu/tagħha.

3. Is-sottomissjoni għandha tinkludi dawn li ġejjin:
   a. Formola ta’ Applikazzjoni mimlija kif xieraq flimkien ma’ Dikjarazzjoni (Anness Numru 2).
   b. Lista ta’ prodotti li tiddeskrivi t-tip ta’ prodotti artistiċi/ta’ snajja’ li l-artiġjan qed jipproponi li jbigħ fil-ħanut tal-MICAS;
   c. Ritratt tal-prodotti artistiċi/ta’ snajja’ msemmija;
   d. Lista tal-prezzijiet;
   e. Ritratti/skeċċis/illustrazzjonijet u displays li jinkludu d-daqs u d-dimensjonijiet u l-kategoriji tal-prodotti;

f. Ċertifikat tal-VAT (jekk applikabbli);
g. Il-lista ta' kontroll (Anness Numru 3).

Jekk wieħed jew aktar minn dawn ir-rekwiżiti u/jew xi qasam tal-applikazzjoni jkunu neqsin u/jew mhux kompluti, is-sottomissjoni awtomatikament titqies bħala invalida u ma tiġix ikkunsidrata aktar.

## 2.4 L-Għażla u l-Evalwazzjoni

Kull sottomissjoni tiġi ttrattata b'kufidenzjalità stretta mill-bord tal-għażla u tiġi evalwata skont il-kriterji ta' hawn isfel:

| Kriterji tal-Evalwazzjoni | Marki | |
|---|---|---|
| Adegwatezza tal-lista msemmija f'Sezzjoni 2.3(3)(b) għall-Ħanut tal-MICAS | 15 | Obbligatorja |
| Il-materjal – Għandha tingħata prijorità lil oġġetti msawra lokalment | 30 | Obbligatorja |
| Prezz – Għandha tingħata preferenza lil oġġetti b'kost kompetittiv u fuq bażi ta' kunsinna | 20 | Obbligatorja |
| L-applikanti prospettivi għandhom il-permessi u l-liċenzji neċessarji biex ibigħu jew jidħlu f'kummerċ mad-Dipartiment tal-VAT | 15 | Obbligatorja |
| L-applikanti prospettivi jistgħu jipprovdu kunsinna kontinwa. | 20 | Obbligatorja |

**Marki minimi:** **60**
**Total tal-marki:** **100**

L-ispazji jingħataw skont ir-rekwiżiti tal-MICAS u l-ħanut tal-MICAS. Xi artiġjani jistgħu jitpoġġew fuq lista ta' riżerva u jiġu kkuntattjati aktar tard. F'dak il-każ, ma jista' jsir ebda tibdil fuq il-kontenut tal-applikazzjoni mressqa.

Il-MICAS jirriżerva d-dritt li jagħżel u/jew jirrifjuta kwalunkwe offerta mressqa jew l-offerti kollha mressqa skont il-ħtiġiet imsemmija f'dan id-dokument ta' Espressjoni ta' Interess. Jekk sottomissjoni tiġi kkunsidrata sodisfaċenti, il-MICAS jirriżerva d-dritt li

jassenja parti mill-ħanut lill-artiġjani oħra li mhux neċessarjament kienu involuti f'din l-Espressjoni ta' Interess. Id-deċiżjoni tal-MICAS f'dan ir-rigward hija finali u vinkolanti.

## 3 It-Termini u Kundizzjonijiet

### 3.1 Il-Prodotti

1. Il-MICAS qed ifittex offerti minn artiġjani li jistgħu jipprovdu prodotti ta' kwalità għolja.

2. L-offerti għandhom joffru għażla ta' oġġetti bi prezzijiet għal baġits differenti.

3. Kwalunkwe bidla fil-kunċett artistiku propost, fosthom il-prezz jeħtieġ li jiġi approvat mill-MICAS minn qabel biex tiġi żgurata l-aderenza mal-kunċett.

4. Kull oġġett għandu jkunu għall-wiri bi prezz elenkat f'kull ħin f'parti prominenti li l-pubbliku jista' jara faċilment. Il-prezzijiet offruti għandhom jirriflettu s-suq kurrenti.
5. L-artiġjani għandhom ibigħu biss oġġetti approvati mill-MICAS u għandhom iżommu mal-istruzzjonijet mogħtija lill-MICAS, qabel, waqt, u/jew wara l-avveniment kif ukoll iżommu mar-regolamenti kollha attwali.
6. L-artiġjani għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom huma tal-ogħla kwalità.
7. L-artiġjani għandhom jiżguraw ukoll li l-wiri tal-oġetti għandu jikkumplimenta l-madwar/id-dehra tal-ħanut tal-MICAS, b'mod pulit u attraenti bi branding li jiġi approvat mill-MICAS.
8. L-artiġjani għandhom jirrispettaw il-politika tal-ħanut tal-MICAS.
9. L-ippakkjar għandu jsir skont il-branding approvat mill-MICAS u l-artiġjani għandhom ikunu lesti li l-prodotti tagħhom jitpoġġew f'basket tal-MICAS f'każ ta' bejgħ.
10. Tingħata preferenza lil oġġetti bil-kunsinna.

## 3.2 Oħrajn

1. Jekk l-applikant(i) magħżul(a) jinstab(u) fi ksur tat-termini msemmija hawn fuq, il-MICAS jista' jitlob għal waqfien tal-bejgħ tal-oġġetti b'mod immedjat. F'dan il-każ, ħadd mhu intitolat għal kumpens u kulħadd jidħol f'obbligu biex iħallas kwalunkwe multa mitluba mill-awtoritajiet lokali kompetenti. Kwalunkwe proċedura tal-qorti li tirriżulta minn dan il-ksur għandha titħallas mill-applikant(i) kkonċernat(i).

2. Il-MICAS jirriżerva d-dritt li jwaqqaf kuntratt f'kull ħin u jekk jagħmel dan, mhux neċessarjament obbligat jagħti raġun għall-waqfien.

3. Il-Liġijiet ta' Malta relevanti kollha għandhom jiġu osservati mill-applikant(i) magħżul(a).

4. Il-MICAS, taħt ebda ċirkustanza mhu responsabbli għal kwalunkwe azzjoni, ħsara, u/jew serq li jista' jseħħ.

**Anness Numru 3: Lista ta' Kontroll**

L-operatur ekonomiku jikkoferma li huwa/hija/huma ssottometta/ssottomettiet/ssottomettew dawn li ġejjin bħala parti mill-Espressjoni ta' Interess:

1. Anness Numru 2: Formola ta' Applikazzjoni u Dikjarazzjoni mimlijin kif xieraq;
2. Lista tal-prodotti għall-bejgħ;
3. Ritratt tal-prodotti;
4. Lista tal-prezzijiet;
5. Kummissjoni lill-MICAS;
6. Ritratti/skeċċis li juri l-istall u li jindikaw id-daqs u d-dimensjoni tal-oġġetti;
7. Ċertifikat tal-VAT (jekk applikabbli); u
8. Anness Numru 3: Lista ta' Kontroll.

| | |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Firma tal-Applikant(i) | Data |